MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Rikors Numru. 97/2001/1

**Rikors Nru: 97/01**

**Victor Agius u Charles sive Lino Agius**

**vs**

**George u Darrin konjugi Stevens u b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2002 l-isem Darrien gie kancellat kif ukoll il-kelma konjugi**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi huma jikru l-fond 285, Manuel Dimech Street, Sliema, lill-intimati ghall-kera ta' hamsa u tletin liri Maltin (Lm35)

fis-sena, liema kera ilha hekk ghal dawn l-ahhar hamsin sena.

Illi l-post ilu mikri ghand l-intimati ghal dawn l-ahhar sbatax-il sena.

Illi jisthoqqilha l-kera tkun rivedibbli w awmentata.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil dan il-Bord sabiex joghgbu jawmenta l-kera tal-fond citat ghal dik is-somma li jistabbilixxi l-Bord bhala l-kera gusta.

Ra r-risposta

Illi l-intimat Darrin Stevens ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa mhuwiex inkwilin tal-fond in kwistjoni peress illi huwa iben il-konjugi Stevens, l-inkwilini tal-fond.

Illi l-fond mertu tar-rikors huwa rekwisizzjonat u gie allokat lill-inkwilini konjugi Stevens mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali u kwindi is-sid ma ghandu l-ebda dritt jitlob awment fil-kera stante illi l-pussess tal-fond ghadu f'idejn il-Gvern.

Illi inoltre l-inkwilini ghamlu diversi xogholijiet fid-dar tul il-kirja biex irrendewh abitabbli u ghalhekk ghamlu diversi spejjez biex jigi ammeljorat il-fond. Illi ghalhekk ikun ingust illi huma di piu' ikollhom ihallsu iktar kera.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti kollha w d-dokumenti.

Ra l-verbal tal-4 ta' Novembru, 2002.

Ikkunsidra,

1. Illi l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat giet imressqa lura fis-seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2002.

2. Il-Bord ser jikkonsidra t-tieni eccezzjoni ta’ l-intimat:

“Il-fond mertu tar-rikors huwa rekwizizzjonat u gie allokat……mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali u kwindi s-sid m’ghandu l-ebda dritt jitlob awment fil-kera stante illi l-pussess tal-fond ghadu f’idejn il-Gvern”.

3. Mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali jirrizulta li fis-6 ta’ Ottubru, 1983 harget ordni ta’ rekwizizzjoni numru 46911 fuq il-fond (ara wkoll Dok 22 a fol 13). Ghada fis-sehh.

4. Fit-28 ta’ Gunju, 1984 l-intimat iffirma dikjarazzjoni fejn ‘interi alia’ accetta

“li inhallas il-kera direttament lis-sid……Lm35 kera fis-sena”.

5. Mid-data tad-dikjarazzjoni fuq imsemmija l-intimat beda jhallas il-kera lir-rikorrent sas-sena 2002. Wara l-partijiet ippruvaw jilhqu ftehim iehor izda ma waslux. Il-kera beda jigi depozitat taht l-awtorita’ tal-Qrati.

6. Ghalkemm il-pussess tal-fond huwa f’idejn id-Dipartiment ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali, l-Bord jidhirlu, gia la darba l-intimat kien ihallas il-kera direttament lir-rikorrent, dan ta’ l-ahhar jista’ jersaq quddiem il-Bord biex jigi ffissat il-kera xieraq u gust. Il-kera gust qatt ma gie stabbilit mill-Bord, li hu t-tribunal kompetenti that il-Kap 205 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. Hemhekk m’hiex kwistjoni tat-tehid tal-pussess tal-fond imma semplici talba ghall-fissazzjoni ta’ kera. Lanqas hi dwar kumpens dovut lis-sid mid-Dipartiment.

Ghalhekk il-Bord jichad l-eccezzjoni ta’ l-intimat, spejjez riservati u jahtar lill-periti Frederick Valentino u John Sciberras biex jiehdu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrent, u tar-risposta ta’ l-intimat u ta’ din is-sentenza wara li l-intimat iressaq quddiem il-Bord provi tax-xogholijiet u infieq ta’ flus kif jinghad fir-risposta.

Il-Bord qed jiddifferixxi r-rikors ghas-27 ta' Frar, 2003 fid-9:00 a.m. biex jitressqu l-imsemmija provi.

Dep./Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------